18 ta' Ġunju 2015

72/2015

# L-ENĊIKLIKA "LAUDATO SI'" PPREŻENTATA MINN MONSINJUR ARĊISQOF

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jippreżenta l-punti ewlenin tal-Enċiklika tal-Papa Franġisku "Laudato Si'" (Imfaħħar Int, [Mulej]). Il-preżentazzjoni ser issir nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2015, fis-7:00 p.m., fil-bitħa ċentrali tas-Seminarju tal-Arċisqof, tal-Virtù, ir-Rabat.

Għal din il-preżentazzjoni ġew mistiedna l-Membri Parlamentari, ir-rappreżentanti tal-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu favur l-ambjent, il-kapijiet tal-Iskejjel tal-Knisja u tal-Istat, il-Kappillani, rappreżentanti lajċi minn kull parroċċa f'Malta u rappreżentanti ta' għaqdiet impenjati fil-Knisja. Il-pubbliku huwa wkoll mistieden biex jattendi.

Din l-Enċiklika hija l-ewwel dokument maġġuri tal-Knisja ddedikat kollu kemm hu għas-suġġett tal-ambjent. Fiha, il-Papa Franġisku jitkellem dwar temi ekoloġiċi u jindirizza l-effetti ta' kwistjonijiet ambjentali fuq il-kwalità tal-ħajja tal-bniedem u r-relazzjonijiet fis-soċjetà.